31999D0396

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-2 ta' Ġunju 1999

dwar it-termini u l-kondizzjonijiet għall-investigazzjonijiet interni rigward il-prevenzjoni ta' frodi, korruzzjoni u kull xorta ta' attivita' illegali li hija ta' ħsara lejn l-interess tal-Komunitajiet

(notifikata taħt dokument numru SEC(1999) 802)

(1999/396/KE, KEFA, Euratom)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunitajiet Ewropej, u partikolarment l-Artikolu 218 tiegħu,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, u partikolarment l-Artikolu 16 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u partikolarment l-Artikolu 13 tiegħu,

Billi:

(1) Regolament (KE) Numru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] u Regolament tal-Kunsill (Euratom) Numru 1074/1999 [2] rigward l-investigazzjonijiet mmexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra il-frodi (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Uffiċċju") jipprovdi li l-Uffiċċju għandu jibda jagħti bidu u jmexxi investigazzjonijiet amministrattivi minn ġewwa l-istituzzjoni, korpi u l-uffiċċji u aġenziji stabbiliti minn jew a bażi tat-trattat ta' l-Komunità' u t-trattatta' ta' l-Euratom.

(2) ir-responsabbilita' ta' l-Uffiċċju kif stabbiliti mill-Kummissjoni twassal lil hinn mill-protezzjoni tal-interessi finanzjarji, biex tinkludi kull attività konessa mal-bżonn li tipproteġi l-interess tal-Komunità kontra kull kondotta irregolari li hija suġġetta għall-proċeduri amministrattivi jew kriminali:

(3) l-iskop tal-ġlieda kontra il-frodi għandha tiġi etiża u l-effettività tagħha għandha tiġi mkabbra billi tiġi sfruttata il-ħila li diġa' teżisti fil-kamp ta' l-investigazzjoni amministrattiva:

(4) għalhekk, a bażi ta' l-awtonomija amministrattiva, il-Kummissjoni għandha tafdha f'idejn l-Uffiċċju ix-xogħol li jmexxi investigazzjonijiet amministrattivi bl-iskop li jinstabu sitwazzjonijiet serji dwar ir-rilaxx ta' obbligi professjonali li jistgħu jikkostitwixxu nuqqas ta' ħarsien ta' l-obbligazzjonijiet ta' l-uffiċjali u l-impjegati tal-Komunitajiet, kif imsejħa fl-Artikolu 11, 12, it-tieni u t-tielet paragrafu, 13, 14, 16 and 17, l-ewwel paragrafu, tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Kondizzjonijiet ta' l-Impjieg (hawnhekk iżjed 'il quddiem msejħa bħala "Regolamenti dwar il-Persunal"), li huma ta' ħsara lejn l-interess tal-Komunitajiet u li huma suġġeti għall-proċeduri dixxiplinari jew, fil-każijiet xierqa, suġġetti għal proċeduri kriminali, jew suggetti għal kondotta li hija serjament ħazina, kif msejħa fl-Artikolu 22 tar-Regolamenti tal-Persunal, jew f'nuqqas ta' ħarsien ta' obbligazzjonijiet analoġi mill-Membri tal-Kummissjoni jew mill-membri tal-persunal tal-Kummissjoni li mhumiex regolati mir-Regolamenti dwar il-Persunal;

(5) dawn l-investigazzjonijiet għandhom ikunu mmexxija skond id-dispożizzjonijiet relevanti tat-Trattat li jistabblixxi l-Komunitajiet Ewropej, u partikolarment il-Protokoll fuq il-privileġġi u immunitajiet, it-test li jimplimenthom u-Regolamenti dwar il-Persunal;

(6) dawk l-investigazzjonijiet għandhom ikunu magħmula skond il-kondizzjonijiet li huma ekwivalenti fl-istituzzjonijiet, il-korpijiet u l-aġenziji kollha tal-Komunità: it-tqassim ta' dan ix-xogħol m'għandhux jaffetwa ir-responsabbilità ta' l-istituzzjonijiet, il-korpijiet u l-aġenziji nfushom u m'għandhu b'ebda mod inaqqas il-protezzjoni legali lil persuni konċernati

(7) sakemm isiru l-emendi tar-Regolamenti dwar il-Persunal, arranġamenti prattiċi li jistipulaw kif il-Membri tal-Kummissjoni u l-uffiċjali tagħha u l-impjegati għandhom jikkoperaw biex ikun hemm funzjonament bla xkiel ta' l-investigazzjonijiet interni, għandhom jiġu stabbiliti;

(8) id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Lulju 1998 rigward l-investigazzjonijiet li saru mill-Forza Operattiva "Nikkordinaw il-ġlieda kontra il-frodi", kif ukoll r-regoli tad- 9 ta' Diċembru 1998 li jimplimentawha, għandhom jiġu mħassra,

[1] ĠU L 136, 31.05.1999, p. 1.
[2] ĠU L 136, 31.05.1999, p. 8.

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Obbligazzjoni li tikkopera ma' l-Uffiċċju

Is-Segretarju Ġenerali, is-servizzi u kull impjegat jew uffiċjal tal-Kummissjoni meħtieġ li jikkopera b'mod sħiħ mar-rappreżentanti ta' l-Uffiċċju u jagħtu l-assistenza meħtieġa lill-investiġazzjoni. In vista ta' l-għan, li huma se jipprovdu lir-rappreżentanti ta' l-Uffiċċju bl-informazzjoni u l-ispjegazzjonijiet utili.

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet relevanti tat-Trattati jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej, partikolarment il-Protokoll dwar il-privileġġi u immunitajiet, u t-test li jimplimenthom, il-Membri tal-Kummissjoni ghandhom jikkoperaw b'mod sħiħ ma' l-Uffiċċju.

Artikolu 2

Obbligazzjoni li tipprovdi l-informazzjoni

Kull uffiċjal jew impjegat tal-Kummissjoni li jsir jaf b'evidenza li tagħti lok għal preżunzjoni ta' l-eżistenza ta' possibilita' ta' każijiet ta' fordi, korruzzjoni jew attivita' illegali oħra, li hija ta' ħsara għal Komunitajiet, jew b'sitwazzjonijiet serji relatati mar-rilaxx ta' obbligazzjonijiet professjonali li jistgħu jikkostitwixxu nuqqas ta' ħarsien ta' l-obbligazzjonijiet ta' uffiċjali jew impjegati tal-Kumunitajiet u li jagħtu lok għal proċeduri dixxiplinari, u fil-kazijiet xierqa, fi proċeduri kriminali, jew f'nuqqas ta' ħarsien ta' obbligazzjonijiet analoġi tal-Membri tal-Kummissjoni jew membri tal-persunal tal-Kummissjoni li mhumiex soġġetti għar-Regolamenti dwar il-Persunal, huma meħtiega li jinfurmaw mingħajr dewmien lil Kap tas-Servizz jew lid-Direttur Ġenerali jew, jekk jikkonsidrah utili, lis-Segretarju tal-Kummissjoni jew lill-Uffiċċju dirett.

Is-Segretarju Ġenerali, id-Direttur Ġenerali u il-Kap tas-Servizz tal-Kummissjoni għandhom mingħajr dewmin jagħtu lil l-Uffiċċju kull evidenza, li jsiru jafu biha, li l-eżistenza ta' l-irregolarità tagħha kif msejħa fl-ewwel paragrafu tista tiġi preżunta.

L-Uffiċjali jew l-impjegat tal-Kummussjoni m'għandhom bl-ebda mod isofru inugwaljanza jew diskriminazzjoni minħabba li kkomunikaw l-informazzjoni msemmija fl-ewwel u t-tieni paragrafu.

Il Membri tal-Kummissjoni li jsiru jafu b'fatti msemmija fl-ewwel paragrafu għandhom jinfurmaw lil President tal-Kummissjoni jew, jekk jaħsbu li tkun ħaġa utili, lill-Uffiċċju dirett.

Artikolu 3

Assistenza mill-Uffiċċju tas-Sigurtà

Fuq it-talba tad-Direttur ta' l-Uffiċċju, l-Uffiċċju tas-Sigurtà tal-Kummissjoni għandu jassisti lill-Uffiċċju fit-tmexxija prattika ta' l-investigazzjonijiet.

Artikolu 4

Notfika lill-parti interessata

Fejn l-implikazzjonijiet possibbli ta' Membru, uffiċjal jew impjegat tal-Kummissjoni isiru evidenti, il-parti interressata għandha tkun informata malajr, basta dan ma jkunx ta' ħsara għall-investigazzjnijiet. Għal kull fini, konkluzjonijiet li jirreferu bl-isem dwar xi Membru, uffiċjal jew impjegat tal-Kummissjoni ma jistgħux jiġu magħmula ġaladarba l-investigazzjoni tkun għal kollox lesta mingħajr mal-parti interessata kienet setgħat tagħti l-opinjonijiet tagħha dwarhu.

F'każijiet li jinħtieġu li tinżamm is-segretezza assoluta għal fini ta' l-investigazzjonijiet u li jkollhom il-ħtieġa ta' proċeduri invetigativi li jaqgħu fil-jurisdizzjoni ta' l-awtorità ġudizzjarja nazzjonali, l-obbligazzjoni li tistieden lill-membru, l-uffiċjal u l-impjegat tal-Kummissjoni biex jagħtu il-fehmiet tagħhom tista titħalla biex dawn jiġu deċiżi flimkien ma' l-President tal-Kummissjoni jew mas-Segretarju Ġenerali tagħha rispettivament.

Artikolu 5

L-informazzjoni dwar l-għeluq ta' l-investigazzjoni meta ma jkunux ittieħdu aktar azzjonijiet

Jekk, wara investigazzjoni interna, ma' jkunx hemm każ kontra Membru, uffiċjal, jew impjegat tal-Kummissjoni li kellhu allegazzjonijiet magħhmula kontra tiegħu, l-investigazzjoni interna li tirrigwarda lilhu għandha, permezz ta' deċiżjoni tad-Direttur ta' l-Uffiċċju, li għandha tiġi trasmessa lil parti interessata bil-miktub, tiġi magħluqa, mingħajr ebda azzjoni ma tittieħed kontrieħ.

Artikolu 6

Rinunzja għall-immunità

Kull talba mingħand il-pulizija nazzjonali jew mingħand l-awtorità ġudizjarja li tirrigwarda ir-rinunzja għall-immunità minn proċeduri ġudizjarji kontra uffiċjal jew impjegat tal-Kummissjoni dwar possibilità ta' każijiet ta' frodi, korruzzjoni jew attività illegali oħra, għandha tiġi mogħtija li d-Direttur ta' l-Uffiċċju biex dan ikun jista' jagħti l-opinjoni tiegħu. Jekk it-talba għal rinunzja mill-immunità tirrigwarda Membru tal-Kummissjoni, l-Uffiċċju għandu jiġi infurmat.

Artikolu 7

Mħassar

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-14 ta' Lulju 1998 dwar l-investigazzjonijiet magħmula mill-Forża Operattiva "Nikkordinaw il-ġlieda kontra frodi" flimkien mar-regoli tad- 9 ta' Diċembru 1998 li jimplimentawha, huma hawnhekk imħassra.

Artikolu 8

Data tad-dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni sa tidħhol fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 1999.

Magħmula fi Brussel, fit-2 ta' Ġunju 1999.

Għall-Kummissjoni

Jacques SANTER

Il-President